MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 3485/1996/1

**Ċitazzjoni numru 3485/1996 PS**

**Angelo u Josephine konjuġi Cutajar
v.
Alfred u Iris konjuġi Spiteri**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuti minn sentenza li, wara li ċaħdet eċċezzjoni tal-konvenuti dwar nuqqas ta’ interess ġuridiku, laqgħet talba tal-atturi biex il-qorti tikkundanna lill-konvenuti jagħmlu xogħlijiet fil-

proprjeta tagħhom biex jagħmlu tajjeb għal nuqqasijiet li kienu ta' ħsara għall-atturi.

2. L-*iter* proċedurali li wassal għal dan l-appell seħħ hekk: B'ċitazzjoni ippreżentata fid-19 ta' Frar 1997 l-atturi fissru illi huma joqogħdu fil-fond numru tlieta (3) fl-Isqaq numru tnejn (2), Triq San Leonardu, Ħal Kirkop waqt illi l-konvenuti joqogħdu fil-fond numru tnejn (2) fl-istess sqaq, li jmiss mal-proprjetà tal-atturi. L-atturi mbagħad elenkaw diversi nuqqas-ijiet fil-proprjeta tal-konvenuti, fosthom vaska u ħamrija mal-ħajt diviżorju li kienu qegħdin joħolqu umdità, u talbu l-atturi illi l-qorti: (i) tgħid illi tassew hemm dawk in-nuqqasijiet; (ii) tikkundanna lill-konvenuti jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa biex ineħħuhom; u (iii) jekk il-konvenuti jonqsu milli jagħmlu dan fiż-żmien li jingħatalhom tagħti lill-atturi s-setgħa li jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa bi flus il-konvenuti.

3. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju u, fil-meritu, illi t-talbiet tal-atturi huma "infondati fil-fatt u fid-dritt".

4. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar 2009, fil-parti li hija relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hekk qatgħet il-kawża:

«… … … prevja ċ-ċahda tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, tiddisponi mit-talbiet tal-atturi fis-sens li ġej:-

… … … *omissis* … … …

« (3) tiċħad it-talba tal-atturi rigward l-umdu allegatament ikkaġunat mill-vaska fil-bitħa tal-konvenuti però tilqagħha fil-każ tal-ħamrija appoġġjanti l-ħajt komuni. Konsegwentement, tikkundanna lill-istess konvenuti jressqu l-ħamrija 'l hinn mill-ħajt diviżorju u li jagħmlu qoxra protettiva permezz ta' *membrane* u saff konkos biex ikun eliminat il-kuntatt tal-ħamrija mal-wiċċ tal-ħajt;

… … … *omissis* … … …

«Il-qorti finalment qed tordna illi x-xogħlijiet kollha għandhom fi zmien xahar mil-lum isiru mill-konvenuti u a spejjeż tagħhom, salv għal dak li ngħad taħt punt (5), u dan taħt id-direzzjoni tal-Perit Arkitett David Pace li qed jiġi nominat għal dan l-iskop. Sew l-onorarju tal-imsemmi arkitett kif ukoll l-ispejjeż kollha ġudizzjarji jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti.»

5. L-ewwel qorti immotivat din il-parti tas-sentenza hekk:

«L-istanza proposta mill-atturi hija diretta sabiex, prinċipalment, il-konvenuti juniformaw ruħhom mal-liġi billi jneħħu ċerti opri sitwati fil-fond tagħhom bi preġudizzju jew b'detriment tal-fond tal-istess atturi jew, f'każ partikolari, biex jikkostrinġu lill-istess konvenuti jottemperaw ruħhom għal dak li trid il-liġi;

«L-elenku tal-ilmenti sottomessi mill-atturi huma fis-sens infraskritt:-

… … … *omissis* … … …

«   (3) Sija l-vaska kif ukoll il-ħamrija fil-bitħa tal-fond tal-konvenuti huma wisq viċin il-ħajt diviżorju u qed ikunu kaġun ta' ħsarat;

… … … *omissis* … … …

«Qabel ma l-qorti tgħaddi biex teżamina kull wieħed mill-ilmenti esposti, hi għandha, b'neċessità ġuridika, tinvesti, qabel xejn, l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti fis-sens li l-azzjoni, kif konċepita, ma kinitx tmiss lill-atturi ġjaladarba dawn kienu jiddetjenu l-fond tagħhom b'titolu ta' lokazzjoni;

«Il-provi juru li din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli. L-okkupazzjoni mill-atturi tal-fond tagħhom ma kinitx ġejja minn rapport lokatizju iżda minn kuntratt enfitewtiku. Tali kienet il-qagħda meta l-atturi intentaw l-azzjoni tagħhom fl-1996 għax aktar tard ukoll, għalkemm fil-mori tal-ġudizzju, l-istess fond ġie, imbagħad, mixtri minnhom.

«Ara deposizzjoni tal-attur Angelo Cutajar *a fol*. 244. Veru li ma gie esebit ebda kuntratt relattiv, la ta' ċens u lanqas ta' xiri, imma min-naħa l-oħra, ukoll, dak li xehed dwaru l-attur imsemmi lanqas ma ġie skreditat jew xort'oħra skossat;

«*Tratta[ndo]si* ta' enfitewsi, huwa *jus acceptum* illi ċ-ċenswalist għandu d-dritt jeżerċita l-azzjonijiet kollha, sija petitorji, sija possessorji, vestiti fid-direttarju. Saħansitra, huwa konċess mil-liġi, *ex* artikolu 1504(2) tal-Kodiċi Ċivili, illi ċ-ċenswalist jista' jirrivendika l-fond *di fronte* għall-istess *dominus* jekk dan jużurpalu l-fond jew jiddeprivah mill-pussess tiegħu. Hemm raġuni għal dan. Mir-rapport enfitewtiku jitwieled dritt reali ta' godiment, anke jekk talvolta temporanju, fuq il-fond ta' ħaddiehor u tali jestrinsika ruħu f'dak tad-dominju *utile* fuqu. Huwa proprju l-istess artikolu surreferit li kjarament jistabilixxi wkoll illi ċ-ċenswalist għandu d-dritt "jieħu l-utili kollha tal-fond";

«F'kull każ, imbagħad, kif korrettement sottomess mill-perit legali, l-akkwist b'xiri tal-fond mill-atturi fil-kors tal-proċediment kellu jwarrab kull xkiel għall-proposizzjoni tal-azzjoni bis-saħħa tal-prinċipju tal-*jus superveniens*. … … …

… … … *omissis* … … …

«Eliminata l-eċċezzjoni preliminari, il-qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra fl-ordni li tressqu l-ilmenti tal-atturi.

… … … *omissis* … … …

«<u>Il-vaska u l-għoli tal-ħamrija</u>

«Taħt dan il-kap l-ilment tal-atturi hu kollegat mal-eżistenza tal-umdità fil-proprjetà tagħhom. Għall-perit tekniku, fuq il-konnotazzjonijiet tiegħu, il-vaska, sempliċiment dekorattiva, ma hijiex kawża tal-problema tal-umdità għaliex ma tmissx mal-ħajt diviżorju u qiegħda f'livell aktar baxx mill-qatran. F'dan l-istess kuntest l-istess perit ma naqasx milli jżid b'osservazzjoni illi l-fond tal-atturi hu qadim u f'parti minnu hu wkoll espost għall-għalqa adjaċenti fejn jinsab ħmieġ tal-annimali u munzell ta' materjal ieħor. Inversament, il-konsulent tekniku ddetermina illi l-konvenuti kienu qed iżommu ħamrija mal-ħjt komuni li, għalkemm ma taqbeżx il-livell tal-qatran, tista' tinfirex u tiskorrih. Konsegwentement, huwa għadda biex irrakkomanda li titressaq il-ħamrija 'il hinn mill-ħajt u li ssir qoxra protettiva bħal *membrane* u saff konkos biex il-ħamrija ma tkunx tmiss direttament mal-wiċċ tal-ħajt;

«Fuq dan il-punt il-qorti tibda biex tosserva illi hi disposizzjoni ċara tal-liġi fl-artikolu 419 tal-Kodiċi Ċivili illi l-ġâr għandu jevita li jiġma jew li jħalli li jinġema' trab jew ħwejjeġ oħra mal-ħajt komuni [subpara. (b)]. Indubitament, dan l-artikolu jinkwadra ruħu fis-sistema ta' dik it-tutela preventiva għall-evitar ta' dannu fil-ħajt komuni u, allura wkoll, għall-iskansar tal-fond viċin minn kull dannu, sija għal dik li hi s-solidità, sija għas-saħħa u s-sikurezza, tiegħu. Mill-konsiderazzjonijiet tal-espert tekniku fil-perizja huwa deżumibbli, objettivament u b'ragonevoli probabilità, illi l-qagħda tal-ħamrija mal-ħajt komuni tista' tkun fonti ta' ħsara għall-fond tal-atturi. Din l-espressjoni ta' fehma ma tinsab skossa minn ebda opinjoni kuntrarja, anke għaliex il-konvenuti naqsu milli jeskutu lill-perit tekniku jew li jitolbu li jitqabbdu periti perizjuri. Fiċ-ċirkustanzi, din il-qorti ma ssibx raġuni biex

ma toqgħodx fuq l-opinjoni teknika sottomessa lilha mill-espert nominat minnha.»

6. Il-konvenuti appellaw minn din il-parti tas-sentenza b'rikors tal-5 ta' Frar 2009. L-aggravju tagħhom dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni preliminari (dwar in-nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva) huwa, essenzjalment, illi l-atturi ma għamlux il-prova illi, meta nfetħet il-kawża, kellhom titolu ta' enfitewsi fuq il-fond okkupat minnhom u illi, waqt li kienet miexja l-kawża, kisbu wkoll il-proprjeta, għalkemm l-eċċezzjoni tal-konvenuti kienet trid illi tingħata dik il-prova.

7. L-aggravju l-ieħor tal-konvenuti huwa dwar dik il-parti tas-sentenza illi ikkundannathom iressqu l-ħamrija minn mal-ħajt li jifred iż-żewġ fondi u jagħmlu xogħlijiet biex il-ħamrija ma tmissx mal-wiċċ tal-ħajt. L-aggravju huwa illi din il-kundanna hija *ultra petita* billi l-atturi kienu talbu biss illi jitbaxxa l-għoli tal-ħamrija u mhux li din ma tibqax tmiss mal-ħajt.

8. L-atturi wieġbu fit-13 ta' Marzu 2009. Igħidu qabel xejn illi r-rikors tal-appell ma sarx sew u ma jiswiex għal dawn ir-raġunijiet:

«… … … l-aggravju fih żewġ partijiet u *cioè* waħda relatata mad-deċiżjoni tal-qorti li permezz tagħha ġie stabbilit li l-atturi għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ biex jintavolaw din il-kawża, filwaqt li t-tieni parti titratta d-deċiżjoni tal-qorti dwar xogħlijiet magħmula mill-konvenut appellant li qed jikkaġunaw ħsarat fll-fond tal-atturi;

«Illi dan qiegħed jagħti lok għal nuqqas ta' kjarezza fir-rikors tal-appell anke fir-rigward tat-talba għar-riforma tas-sentenza li hija konfliġġenti u konsegwentement hija irrita għar-raġunijiet indikati hawn taħt:

«1. Il-konvenuti appellanti qegħdin jissottomettu fl-appell tagħhom it-teżi minnhom imressqa quddiem il-qorti ta' prima istanza u *cioè* li l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku biex jaġixxu bħala atturi f'din il-kawża. Għalhekk it-talba għar-riforma hija għal kollox insostenibbli, għaliex f'ċirkostanzi tali jew hemm interess ġuridiku jew m'hemmx. Isegwi għalhekk li t-talba tal-appell hija insostenibbli meta qed titlob ir-riforma rigward in-nuqqas ta' interess ġuridiku u fl-istess ħin il-konferma ta' partijiet tas-sentenza kif deċiża;

… … …

«2. Illi l-konvenuti appellanti qegħdin iressqu talba biex il-qorti tirriforma parti mis-sentenza in rigward xogħlijiet ordnati biex tiġi eliminata l-umdità li għandhom l-atturi appellati f'ambjent partikolari tad-dar tagħhom.

«Illi l-fatt li ssir tali talba bħal donnu l-konvenuti appellanti qed jissorvolaw it-talba minnhom stess intavolata u *cioè* li għadhom qed jinsistu la ma hemmx interess ġuridiku da parti tal-atturi biex jintavolaw din il-proċedura u dan billi qatt ma jista' jiġi trattat meritu ta' kawża jekk ma jkunx hemm interess ġuridiku kif *del resto* allegaw u qed jallegaw il-konvenuti fir-rikors tal-appell tagħhom.»

9. Qabel nidħlu fil-meritu tal-appell, jeħtieġ illi nqisu l-ewwelnett din l-eċċezzjoni preliminari għax, jekk ir-rikors tal-appell ma jiswiex, il-qorti ma tkunx tista' tqis il-meritu tal-appell.

10. Għalkemm l-argument tal-atturi jidher li ma huwiex nieqes minn meritu fil-loġika, ma huwiex ġustifikat fejn ifittex li jxekkel il-jedd tal-konvenuti li jiddefendu ruħhom. Lanqas l-atturi stess ma ikkontestaw il-fatt illi l-konvenuti setgħu, fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom, ressqu l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva u wkoll eċċezzjonijiet fil-meritu bħala eċċezzjonijiet impliċitament subordinati fil-każ li l-ewwel eċċezzjoni ma tintlaqax.

11. L-istess setgħu jagħmlu l-konvenuti fl-istadju tal-appell: li jressqu aggravju dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni preliminari tagħhom u li jressqu wkoll aggravju fil-meritu fil-każ li l-ewwel aggravju ma jintlaqax. Tassew illi t-talba setgħet saret aħjar, fis-sens illi jintalab it-tħassir tas-sentenza jew, subordinatament, ir-riforma tagħha. Minkejja dan in-nuqqas fir-rikors tal-appell, il-ħsieb tal-konvenuti appellanti jidher ċar u l-atturi ma ġarrbu ebda preġudizzju minħabba l-mod inqas minn perfett kif inkiteb ir-rikors tal-appell. Għalkemm dan in-nuqqas għandu jkollu relevanza għall-ispejjeż tal-kawża, ma għandux iwassal għas-sanzjoni radikali tan-nullità tal-att.

12. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravji tal-konvenuti kontra s-sentenza appellata. L-ewwel aggravju jolqot in-nuqqas ta' prova tat-titolu tal-atturi li jagħtihom leġittimazzjoni attiva biex imexxu b'din il-kawża. L-atturi wieġbu hekk għal dan l-aggravju:

«Illi in rigward dak sottomess fir-rikors ta' appell formanti parti mill-aggravju mressaq kwantu għall-interess ġuridiku,

jiġi sottomess li l-ewwel qorti iddeċidiet a bażi ta’ dan li ġej:

«“Il-provi juru li din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli. L-okkupazzjoni mill-atturi tal-fond tagħhom ma kinitx ġejja minn rapport lokatizju iżda minn kuntratt enfitewtiku. Tali kienet il-qagħda meta l-atturi intentaw l-azzjoni tagħhom … … … Ara deposizzjoni tal-attur Angelo Cutajar *a fol*. 244. Veru li ma gie esebit ebda kuntratt relattiv, la ta’ ċens u lanqas ta’ xiri, imma min-naħa l-oħra, ukoll, dak li xehed dwaru l-attur imsemmi lanqas ma ġie skreditat jew xort’oħra skossat.”

«Illi għalhekk il-qorti iddeċidiet dwar dan il-punt interament fuq dak li xehed l-attur Angelo Cutajar.

«Illi hawn *si tratta* tal-kamp ċivili u għalhekk il-grad ta’ prova huwa dak tal-bilanc ta’ probabilitajiet liema grad ta’ prova ntlaħaq pjenament u l-qorti ta’ prima istanza kienet korretta meta straħet fuq dak li xehed l-attur, ġaladarba ma ġiex kontradett.

«Illi fil-kawża odjerna, il-konvenuti appellanti allegaw li l-atturi appellati ma għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ skond il-liġi. Huwa ben stabblilt mill-ġurisprudenza tagħna “illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan igħidu espressament l-artikolu 562 tal-Kap 12” (Mifsud *vs* Mifsud, Qorti tal-Appell, 12.11.2003).

«Dan joħrog ukoll mill-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Għalhekk l-oneru tal-prova li l-attur ma kellu ebda interess ġuridiku kien jinkombi fuq il-konvenuti appellanti li ma ressqu ebda prova biex ixejnu dak li xehed l-attur f’din il-kawża li permezz tiegħu spjega t-titolu li għandu u *cioè* t-titolu ta’ konċessjoni enfitewtika.

«Fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f’moħħ il-ġudikant. … … …

«Illi għalhekk, l-ewwel onorabbli qorti kienet korretta meta waslet għad-deċiżjoni li mill-provi prodotti mill-atturi appellati f’dan ir-rigward kien hemm l-interess ġuridiku meħtieġ biex l-atturi jintavolaw dawn il-proċeduri u għalhekk din id-deċiżjoni għandha tiġi konfermata.»

13. Essenzjalment, l-atturi jressqu żewġ argumenti: illi l-oneru tal-prova ta’ nuqqas ta’ leġittimazzjoni attiva jaqa’ fuq il-konvenuti; u illi f’kull każ il-prova saret bix-xiehda ta’

Angelo Cutajar ladarba l-ewwel qorti kienet moralment konvinta li setgħet toqgħod fuqha.

14. Dawn l-argumenti ma humiex, fil-fehma ta' din il-qorti, għalkollox tajbin.

15. L-interess ġuridiku meħtieġ għal-leġittimazzjoni attiva huwa wieħed mill-elementi tal-azzjoni u għalhekk huwa l-attur illi jrid jagħmel il-prova ta' dan l-interess meta jiġi kontestat bħal ma ġie kontestat fil-kawża tallum. Din il-prova kellha ssir mill-atturi bil-mezzi li tagħti l-liġi.

16. Il-liġi trid ukoll illi ssir l-aħjar prova – art. 559, K.O.P.Ċ. – u ċertament l-aħjar prova f'dan il-każ ma hijiex il-kelma tal-attur fin-nuqqas ta' kopja tal-kuntratti relativi. Tassew illi fil-qasam ċivili l-konvinċiment morali tal-ġudikant huwa biżżejjed, iżda dan il-konvinċiment irid ikun imsejjes fuq l-aħjar prova kif trid il-liġi.

17. Madankollu, dan ma jfissirx illi l-aggravju tal-konvenuti huwa tajjeb, għax l-atturi kellhom mezz ieħor ta' prova, li hija l-preżunzjoni li toħroġ mill-art. 525(1) tal-Kodiċi Ċivili[1]: il-fatt li kellhom il-pussess materjal tal-fond joħloq preżunzjoni ta' proprjetà, u din hija prova biżżejjed biex issejjes l-interess ġuridiku. Din hija preżunzjoni *iuris tantum* u l-konvenuti setgħu għelbuha billi jagħmlu l-prova ta' dak li allegaw fl-eċċezzjoni, *viz.* illi l-atturi kellhom biss titolu ta' kiri, iżda din il-prova l-konvenuti ma għamluhiex.

18. Dan l-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

19. L-aggravju fil-meritu huwa illi dak li ordnat is-sentenza dwar il-ħamrija huwa aktar minn dak li talbu l-atturi, u għalhekk is-sentenza ikkundannat lill-konvenuti *ultra petita*.

20. It-talba tal-atturi kienet biex il-qorti tikkundanna lill-konvenuti "jniżżlu l-għoli tal-ħamrija taħt il-livell tal-qatran fin-naħa tal-bitħa li tmiss mal-kamra tas-sodda tal-atturi" peress illi l-konvenuti kienu "għollew il-livell tal-ħamrija fil-ġardina [tagħhom] fin-naħa tal-bitħa li tmiss mal-kamra tas-sodda tal-istanti 'l fuq mill-qatran". L-ewwel qorti, kif rajna, laqgħet din it-talba billi ikkundannat lill-konvenuti "jressqu l-ħamrija 'l hinn mill-ħajt diviżorju u li jagħmlu qoxra protettiva permezz ta' *membrane* u saff konkos biex

---

[1] **525.** (1) Il-preżunzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi għaliha nfisha, u b'titolu ta' proprjetà, meta ma jiġix ippruvat li hija bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna oħra.

ikun eliminat il-kuntatt tal-ħamrija mal-wiċċ tal-ħajt”. Fid-dawl ta’ dan, il-konvenuti jgħidu hekk:

«Effettivament irriżulta li l-premessa li fuqha kienet tistrieħ din it-talba kienet infondata billi l-ħamrija ma kinitx taqbeż il-livell tal-qatran u dan skond ir-rapport peritali preżentat fl-ewwel grad. Però minkejja l-fuq espost, wara li l-perit tekniku nominat mill-ewwel qorti irrelata li l-ħamrija ma kinitx tiskorri l-livell tal-qatran, irrakkomanda li jsir *membrane* u saff konkos biex il-ħamrija ma tibqax f’kuntatt mal-ħajt meta, kif intqal, ma kienet saret ebda talba biex l-esponenti jiġu ordnati li jagħmlu xi xogħol biex l-allegat ilment fis-sens li l-ħamrija kienet qed tmiss mal-ħajt jiġi rimedjat. Għalhekk meta l-perit tekniku ressaq din ir-rakkomandazzjoni kien qed jeċċedi d-domanda li kienet tressqet mill-appellati *stante* li t-talba tal-appellati kienet biss biex l-appellanti jiġu ordnati li jbaxxu l-ħamrija taħt il-livell tal-qatran u dan ma ġie kwalifikat b’ebda mod u di fatti ma saret ebda talba oħra f’dan ir-rigward.

«Issa għalkemm saret referenza għall-fuq espost f’nota ta’ kritika preżentata mill-esponenti *inter alia* f’dan ir-rigward, jidher li din il-kritika ġiet skartata u effettivament l-ewwel onorabbli qorti għamlet tagħha r-rakkomandazzjoni tal-perit tekniku f’dan il-kuntest u ikkundannat lill-esponenti biex iwettqu dak li kien irrakkomanda l-perit tekniku.»

21. L-atturi wieġbu hekk:

«L-iskop kemm tal-premessa kif ukoll it-talba in kwistjoni huma intiżi biex il-qorti tagħti kull ordni opportuna biex jitneħħa dak li qed jikkaġuna l-ħsara li tirrendi l-kamra umda b’tali mod illi ma tistax tintuża.

«Illi l-perizja teknika, wara l-indaġni li saret, liema indaġni ma ġietx kontradetta u li l-konklużjonijiet jifformaw parti mis-sentenza llum appellata, irriżulta li hemm il-ħtieġa ta’ intervent biex titneħħa l-umdità li hija provenjenti min-naħa tal-konvenuti appellanti. Ġaladarba dan ġie stabbilit u l-perizja teknika indikat kif għandu jsir ix-xogħol biex l-ilment li ressqu l-atturi f’din il-kawża jiġi riżolt, l-ewwel onorabbli qorti kienet korretta meta ddeċidiet li tordna li jsiru dawk ix-xogħlijiet meħtieġa.

«Ma hemm ebda lok ta’ *ultra petita* fiċ-ċirkostanzi partikolari anke jekk fil-premessi taċ-ċitazzjoni intavolata mill-atturi seta’ kien hemm raġunijiet differenti għalfejn

huma lmentaw dwar l-umdità li l-kawża tagħha kienet provenjenti mill-proprjetà tal-konvenuti appellanti.

«Illi f'dan il-każ *si tratta* tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ekwipollenza u *cioè* li meta jirriżultaw fatti sussidjarji jew intimament parti mit-talba li jressaq l-attur, din għandha tiġi akkolta, u tingħata l-ordni opportuna.

«Illi l-qrati tagħna iddeċidew u fissru l-kriterju tal-ekwipollenza billi stqarru illi "l-ekwipollenza teżisti biss meta *si tratta* tal-istess ħaġa li qed tingħad bi kliem differenti", dan kif deċiż fil-kawża fl-ismijiet Barbara *vs* Pamis England *et noe* (16/05/1957, Qorti tal- Kummerċ). Dan il-kunċett ta' ekwipollenza jissussisti biss meta talba impliċitament tkun kompriża fid-domanda magħmula fl-att taċ-ċitazzjoni iżda mhux espressament mitluba u dan kif deċiz fil-kawża fl-ismijiet Cassar *vs* Pace (14/12/1962, Qorti tal-Appell).

«Illi dan il-prinċipju li ġie applikat mill-qrati tagħna f'diversi okkażjonijiet huwa applikabbli wkoll f'dan il-każ partikolari u dan peress li dak li ordnat il-qorti jidħol fil-parametri ta' dak li ntalab mill-atturi appellati fiċ-ċitazzjoni anke jekk b'mod impliċitu, u *cioè* l-intervent meħtieġ biex jitneħħa dak li qed jikkaġuna l-umdità.»

22. Il-qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti jridu interpretazzjoni dejqa u mekkanika wisq tal-atti ġudizzjarji, interpretazzjoni marbuta mal-forma aktar milli mas-sustanza ta' dak li jridu l-ħaqq u s-sewwa u li twassal biss għal tfettiq fuq irrelevanzi, spejjeż żejda u ħela ta' ħin. Li riedu l-atturi kien rimedju kontra l-umdità ġejja mill-kuntatt tal-ħamrija mal-ħajt li jifred il-fond tagħhom minn dak tal-konvenuti, u għalhekk talbu li jitbaxxa l-għoli tal-ħamrija. Il-perit tekniku sab illi tassew kien meħtieġ spostament tal-ħamrija, iżda spostament orizzontali – billi titressaq minn mal-ħajt – u mhux spostament vertikali kif riedu l-atturi. U biex ir-rimedju jkun wieħed effettiv u li jibqa', biex il-ħamrija ma taqax lura fuq il-ħajt wara li titneħħa minn miegħu, kien meħtieġ li jsiru wkoll il-*membrane* u s-saff ta' konkos li trid is-sentenza appellata. Din il-qorti ma tarax illi, fis-sustanza, ingħata aktar milli ntalab, u l-aggravju huwa għalhekk miċħud

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-konvenuti u twettaq is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2009 b'dan illi ż-żmien ta' xahar mogħti biex jitwettqu x-

xogħlijiet jibda jgħaddi millum. L-ispejjeż tal-prim'istanza jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------